# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

## S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO
## ONOR. IMHALLEF ANTHONY ELLUL

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 20 ta' Lulju, 2020.**

**Numru 4**

**Rikors numru 49/12 JD**

**Rose Grima bhala mandatarja tal-imsiefra Josephine Vella**

**v.**

**Carmen Vella**

**Il-Qorti:**

1. Rat illi permezz ta' rikors maħluf ippreżentat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Superjuri, Ġurisdizzjoni Ġenerali fil-11 ta' Ġunju 2012, l-attriċi nomine ppremettiet li l-konvenuta rċiviet fl-interess ta' bintha Josephine Vella s-somma ta' $34,947 mingħand is-*Social Security Administration* fl-Istati Uniti tal-Amerika iżda minflok amministrat dawn il-

flejjes fl-interess ta' bintha u użathom għall-bżonnijiet tat-trobbija tagħha, hija żammet u qatt ma tat rendikont x'għamlet bihom. Għalhekk talbet lill-Qorti sabiex:

i. Tiddikjara illi l-konvenuta rċiviet, fl-interess ta' bintha Josephine Vella l-ammont komplessiv ta' erbgħa u tletin elf disa' mija u sebgħa u erbgħin dollaru Amerikan ($34,947), jew ammont ieħor verjuri, bħala benefiċċji soċjali mingħand is-Social Security Administration fl-Istati Uniti tal-Amerika;

ii. Tiddikjara li l-konvenuta kienet u għadha obbligata li tamministra dawn il-flus fl-interess ta' bintha billi tużahom għall-bżonnijiet tat-trobbija ta' bintha, u tiddepożita l-bilanċ li ma jintefaqx b'dan il-mod f'kont bankarju li jħallas l-imgħaxijiet, u tagħti rendikont ta' dawn il-flus fi tmiem l-amministrazzjoni tagħha;

iii. Tiddikjara li l-konvenuta naqset milli tikkonforma ruħha ma' dan l-obbligu impost fuqha;

iv. Tikkundanna lill-konvenuta sabiex tagħti rendikont tal-amministrazzjoni tagħha, u konsegwentement tikkundannaha sabiex tirrifondi lill-attriċi s-somma ta' erbgħa u tletin elf disa' mija u sebgħa u

erbgħin dollaru Amerikan ($34,947) flimkien mal-interessi relattivi lill-istess Josephine Vella.

Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra interpellatorja tas-17 ta' Ottubru 2011 kontra l-konvenuta, u bl-inġunzjoni għas-subizzjoni.

Bir-riżerva ta' kwalunkwe azzjoni oħra spettanti lill-attriċi kontra l-konvenuta.

2. Fit-tweġiba tagħha, il-konvenuta argumentat:

*'1. Illi d-domanda attriċi hija għal kollox bla bażi sia legali u sia fattwali;*

*"2. Illi l-konvenuta ma għandha tagħti xejn lil bintha l-attriċi;*

*"3. Illi r-relazzjonijiet bejn il-ġenituri u l-ulied huma regolati mil-liġi Maltija u mhux mil-liġi Amerikana ċioe' mill-Kodiċi Ċivili li jirregola l-obbligi tal-manteniment u l-patria potesta;*

*"4. Illi bla pregudizzju għall-eċċezzjonijiet preċedenti mill-1991 sal-1998 ċ-ċekkijiet taċ-children allowance kienu jintbagħtu f'isem missier l-attriċi, Valent Vella illum mejjet, li tiegħu l-attriċi hija waħda mill-werrieta, u li miet fis-7 ta' April 1998, u l-konvenuta irċeviet biss l-ammont dovut minn April 1998 sal-24 ta' Frar 2000 meta l-attriċi saret maġġorenni għax għalqet tmintax (18)-il sena;*

*"5. Illi ċ-children's allowance favur l-attriċi u ż-żewġ ħutha bdew jitħallsu meta missier l-attriċi kellu inċident l-Amerika fl-1991 u ma setax jaħdem aktar. Din bdiet titħallas lilu flimkien ma' disability pension li inħarġitlu.*

*"6. Illi ċ-children's allowance titħallas lill-ġenituri biex tgħinhom għall-bżonnijiet ġenerali tal-familja u din li nħarġet proprju għaliex missier l-attriċi sar inkapaċitat u ma setgħatx jaħdem għalhekk użahom għal dan l-iskop.*

*“7. Illi għalkemm l-attriċi ta’ għaxar snin ġiet f’idejn zijitha, Ines Portelli, b’ingann u baqgħet magħha, kemm missierha kif ukoll il-konvenuta kienu jibgħatulha kontinwament flus u oġġetti tad-deheb oltre’ dan fis-sena 1984 il-konvenuta kienet fteħet joint-account f’isimha u f’isem l-attriċi mal-Mid Med Bank meta din kellha biss sentejn u kienu jppoġġulha l-flus fih regolarment u meta l-attriċi għalqet tmintax il-sena din żbankat s-somma sħiħa li kien hemm u ddepożitathom f’isimha f’Bank il-Canada;*

*“8. Illi fi kwalunkwe każ l-azzjoni odjerna hija preskritta bil-preskrizzjoni ta’ ħames (5) snin skont l-artikolu 2156(b)(d) u (f) kif ukoll tal-artikolu 2157 tal-Kodici Civili Kap 16.’*

3. B’sentenza mogħtija fis-6 ta’ Frar 2015, il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali ddeċidiet:

*‘ ... billi filwaqt li tichad it-tmien eccezzjoni tal-preskrizzjoni u l-eccezzjonijiet l-ohra kollha tal-konvenuta tilqa’ t-talbiet attrici biss bil-mod kif gej:*

*“1. Tiddikjara illi l-konvenuta rceviet is-somma ta’ wiehed u tletin elf u seba’ mija u sebghin dollaru Amerikan (31,770 dollaru Amerikan) ekwivalenti ghal sebgha u ghoxrin elf u seba’ mija u sitta u hamsin euro (€27,756) fl-interess ta’ bintha Josephine Vella l-ammont komplessiv ta’ bhala beneficji socjali minghand is-Social Security Administration fl-Istati Uniti tal-Amerka;*

*“2. tiddikjara li l-konvenuta kienet u ghadha obbligata li tamministra dawn il-flus fl-interess ta’ bintha billi tuzahom ghall-bzonnijiet tat-trobbija ta’ bintha, u tiddeposita l-bilanc li ma jintefaqx b’dan il-mod f’kont bankarju li jhallas l-imghaxijiet, u taghti rendikont ta’ dawn il-flus fi tmiem l-amministrazzjoni taghha;*

*“3. tiddikjara li l-konvenuta naqset milli tikkonforma ruhha ma’ dan l-obbligu impost fuqha;*

*“4. tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba biex l-attrici taghti rendikont tal-amministrazzjoni taghha, madankollu tikkundannaha sabiex tirrifondi lill-attricì s-somma ta’ ghaxart elef seba’ mija u sitta u hamsin euro (€10,756) ekwivalenti ghal tnax-il elf tliet mija u hdax Dollaru Amerikan (12,311 Dollaru Amerikan) flimkien mal-interessi relattivi dekoribbli mid-data ta’ din is-sentenza sal-pagament effettiv.*

*“Spejjez inkwantu ghal zewg terzi ghandhom jigu sopportati mill-konvenuta filwaqt li terz minnhom ghandhom jigu sopportati mill-attrici.’*

4. Il-konvenuta appellat fejn tilmenta:-

i. l-ewwel Qorti kellha tiddeċiedi li m'għandhiex kompetenza tisma' dan il-każ peress li l-każ hu ta' kompetenza tal-Qrati Amerikani peress li *in ballo hemm il-liġi* interna u domestika Amerikana;

ii. fl-apprezzament tal-provi l-ewwel Qorti kienet sommarja u ittendiet favur l-attriċi.

5. L-appellata da parti tagħha wieġbet illi:

i. in linea preliminari, il-preżentata da parti tal-konvenuta ta' dokumenti flimkien mar-rikors tal-appell saret bi ksur tar-regoli proċedurali u għalekk għandhom jiġu sfilzati;

ii. l-aggravji tal-appellanti huma kollha infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontriha;

iii. l-intressi fuq is-somma ta' $12,311 għandhom jiddekorru mid-data tas-sentenza tal-ewwel Qorti; u li

iv. ir-rata tal-kambju applikabbli bejn id-dollaru Amerikan u l-Euro għandha tkun dik fis-seħħ dakinhar tal-għoti tas-sentenza minn din il-Qorti.

**Konsiderazzjonijiet**.

Fatti.

6. L-attriċi llum appellata trabbiet miz-zija paterna tagħha, Inez Portelli, u żewġha. L-ewwel kienu jgħixu fil-gżira ta' Għawdex u sussegwentement irrilokaw l-Amerika.

7. Missier l-appellata, Valentino Vella, kien għamel żmien jaħdem u jħallas il-kontribuzzjonijiet tas-sigurta` soċjali fl-Amerika. Fl-1991 indarab serjament u applika għall-benefiċċji soċjali fl-Amerika. *Inter alia*, uliedu Valentino, Josephine u Saviour ikkwalifikaw ukoll għal benefiċċji kull xahar.[1] Madanakollu, skont l-appellanti, il-benefiċċji kienu għall-bżonnijiet ġenerali tal-familja.[2]

8. Fil-bidu l-benefiċċji kienu jitħallsu lil missier l-attriċi, iżda meta missierha miet f'April tal-1998, l-istess benefiċċji komplew jitħallsu lill-konvenuta ommha llum appellanti. Dwar il-benefiċċju relattiv għall-

[1] Fol. 31.
[2] Fol. 27 para 6.

appellata, l-appellanti rċiviet il-ħlasijiet sakemm l-attriċi għalqet it-18-il sena. Wara li l-attriċi għalqet it-18-il sena kienet għada intitolata għal xi 6 xhur oħra ta' benefiċċji peress li hija kienet l-iskola iżda għal dak il-perjodu hija kienet talbet lid-Dipartiment tas-*Soċial Security Administration* jivversa l-benefiċċju tagħha direttament għaliex saret adulta.

<u>Dokumenti eżebiti mar-Rikors tal-Appell.</u>

9. Flimkien mar-rikors tal-appell l-appellanti ppreżentat żewġ dokumenti immarkati '**Dok XX'** konsistenti f'ittra mibgħuta minnha lill-ċertu Vincent J. Licata fl-4 ta' Lulju 2012 u tweġiba f'email datata 20 ta' Awissu 2012.

10. L-appellata talbet l-isfilz ta' dawk id-dokumenti.

11. L-<u>Artikolu 145 tal-Kap. 12</u> jipprovdi illi:

> *'Mar-rikors, mat-tweġiba u mar-replika, għandhom jinġiebu d-dokumenti li jkunu jsaħħu t-talbiet tal-wieħed jew l-eċċezzjonijiet tal-ieħor.'*

12. F'pronunzjament reċenti ta' din il-Qorti ngħad hekk:

> *'13. Fil-fatt l-interpretazzjoni riċenti li qiegħda tingħata lil dan l-artikolu hija waħda ristretta: u cioe` li d-dokumenti prodotti fl-istadju tal-appell*

> *jingħataw piż* ***biss jekk tali dokumenti ma kinux disponibbli fl-ewwel istanza.****'*[3]

13. Id-dokumenti in kwistjoni huma datati 4 ta' Lulju 2012 u 20 ta' Awissu 2012 rispettivament. L-appellanti bdiet tressaq il-provi fit-22 ta' Frar 2013[4] u ddikkjarat il-provi tagħha magħluqa fit-30 ta' April 2014.[5] Ma hemmx dubju għalhekk li **Dok XX** seta' ġie faċilment prodott quddiem l-ewwel Qorti. L-appellanti tikkontendi iżda li hija ma ħassitx il-bżonn li teżebixxi l-imsemmija dokumenti qabel għaliex ippretendiet li l-Qorti tal-Prim'Istanza kellha tinjora l-konsult tal-avukat Amerikan tal-attriċi.

14. Argument li fil-fehma tal-Qorti hu fieragħ. Il-parir legali minn avukat Amerikan ippreżentat mill-attriċi ġie eżebit flimkien mar-rikors maħluf tagħha fil-11 ta' Ġunju 2012 (**Dok B**). L-appellanti kellha ċ-ċans kollu tikkontesta l-ammissibilita` jew is-sustanza ta' dik il-prova billi tipproduċi hija stess il-parir *ex parte* tal-avukat tagħha. Madanakollu ma għamlet xejn minn dan u għalqet il-provi fit-30 ta' April 2014. Fl-ebda ħin ma jirriżulta li l-kovenuta ikkontestat l-ammissibilita` tad-Dokument B bħala prova.

15. Apparti dawn il-konsiderazzjonijiet dwar jekk jistgħux jiġu prodotti provi ġodda fl-appell, id-dokumenti in kwistjoni ma jista' jkollhom l-ebda

[3] ***Falzon Maria Dolores vs Debarro Monica et***, deċiża minn din il-Qorti fis- 17 ta' Ġunju 2019.
[4] Fol. 102.
[5] Fol. 194.

valur probatorju in kwantu għal fini ta' awtentiċita` ħadd ma xehed dwarhom u ma saret ebda prova; lanqas huma dokumenti li ssemmi l-liġi li jagħmlu prova tal-kontenut tagħhom (Artikoli 627 sa 636 tal-Kap. 12).[6]

16. F'kull każ, id-dokumenti eżebiti mal-appell odjern ma jimmilitaw xejn favur it-teżi attriċi. Fl-ittra tal-4 ta' Lulju 2012 hi stess tgħid li ngħatat parir legali li f'Malta r-relazzjonijiet bejn ulied u ġenituri residenti f'Malta huma regolati bil-liġi Maltija. Fl-*email* tal-allegat avukat Amerikan, jingħad imbgħad li '*The social security benefits that are at issue were issued pursuant to US laws and are subject only to US laws and interpretation by US Courts.* ***Whether those benefits were rightlly or wrongly distributed is a decision that should be made by a US Court and not a Maltese Court ...'*** (Enfażi tal-Qorti).

17. L-attriċi appellata fl-ebda waqt ma allegat li l-Awtorita` Amerikana ddistribwiet ħażin il-benefiċċju li hija kienet intitolata għalih. Lanqas l-ewwel Qorti ma għamlet xi konsiderazzjoni f'dak is-sens. Il-kwistjoni mhijiex dik. Il-pretensjoni tal-appellata qatt ma kienet fil-konfront tas-*Social Security Amerikana* iżda kontra ommha li skontha pperċepiet il-flejjes a nom tagħha mis-*Social Security* Amerikana u minflok nefqithom

[6] ***F.E. Sullivan & Co Ltd v. Falzon Vincent Dr. Noe***, Qorti tal-Appell (Ċivili Superjuri), 4 ta' Novembru, 2005.

biex trabbiha u għadditilha kwalsiasi bilanċ rimanenti meta saret maġġorenni, żammithom għaliha.

18. Għalhekk Dok. XX mhuwiex prova li jgħin lill-appellanti.

L-Ewwel Aggravju.

19. Fl-ewwel aggravju, l-appellanti tikkontendi li permezz tat-tielet eċċezzjoni tagħha ssollevat il-kwistjoni tan-nuqqas ta' ġurisdizzjoni tal-Qrati Maltin biex jiddeċiedu l-kawża. Tinsisti li l-ewwel Qorti kellha tilqa' l-eċċezzjoni. L-appellanti ssostni li l-liġi internazzjonali privata trid li *domestic legislation* tkun ristretta għall-Qrati tal-pajjiż fejn ikunu applikati. Tirreferi mbagħad għall-eċċezzjoni li tista' tingħata a tenur tal-Artikolu 741(a) tal-Kap. 12.

20. It-tielet eċċezzjoni tal-appellanti taqra:

> *'3. Illi r-relazzjonijiet bejn il-ġenituri u l-ulied huma regolati mil-liġi Maltija u mhux mil-liġi Amerikana ċioe' mill-Kodiċi Ċivili li jirregola l-obbligi tal-manteniment u l-patria potesta;'*

21. Huwa ċar li din l-eċċezzjoni tqajjem kwistjoni ta' *applicable law* mhux nuqqas ta' ġurisdizzjoni. L-aggravju fir-rikors tal-appell hu eċċezzjoni ġdida.

22. F’kull każ, l-Artikolu 741(1)(a) tal-Kap. 12 jrid li l-Qrati Ċivili Maltin għandhom ġurisdizzjoni biex jisimgħu u jiddeċiedu l-kawżi kollha li jirrigwardaw ċittadini ta’ Malta sakemm dawn ma jkunux stabbilew id-domiċilju tagħhom band’oħra. Mhuwiex kontestat li l-appellanti hija ċittadina Maltija u għalhekk, skont dan l-artikolu huma l-Qrati Ċivil Maltin li għandhom ġurisdizzjoni biex jisimgħu u jiddeċiedu din il-kawża. Fil-fatt, l-appellanti stess tikkonċedi li mhijiex cittadina Amerikana (*vide* paragrafu ‘*vi.*’ tar-rikors tal-appell tagħha). Dan apparti li ma ressqitx provi fis-sens li stabbilit id-domiċilju tagħha band’oħra.

23. Dwar id-dritt internazzjonali privat, dan irid sempliċement li fejn quddiem Qorti tqum kwistjoni ta’ dritt esteru, l-istess jiġi trattat bħala punt ta’ fatt u mhux punt ta’ liġi:

> ‘*Foreign law is, therefore, treated as a question of fact ... the relevant foreign law must be proved like all other matters of which no knowledge is imputed to the judge, “by appropriate evidence, ie by properly qualified witnesses”, unless both parties agree to leave the investigation to the judge and to dispense with the aid of witnesses ...*’ [7]

24. L-appellanti tallega madanakollu li l-ewwel Qorti kellha tqabbad espert u mhux tistrieħ fuq parir ta’ avukat Amerikan *ex parte* biex iddeċidiet il-vertenza. Issostni li hija wkoll ħadet parir mingħand avukat Amerikan iżda ma ppreżentatx il-parir għaliex dak li qalilha huwa ‘ovvju’. Fl-istess nifs issostni li l-azzjoni attriċi tqajjem ħafna diffikultajiet li jistgħu

---

[7] Cheshire and North’s ***Private International Law***, 1999 Ed., p. 99 - 101

jiġu biss deċiżi mill-Qorti Amerikana bħal per eżempju '*una volta l-attriċi ma kinitx tirrisjedi mal-ġenituri dawna l-istess kien ikollhom dritt għaċ-children allowance għaliha jew dan ma kellhom dritt ta' xejn għaliha?'* u serje ta' domandi oħra spekulattivi.

25. Il-pretensjoni tal-attriċi mhijiex fil-konfront tal-Istat Amerikan jew mill-Istat Amerikan u ma ġiet sollevata l-ebda kwistjoni dwar jekk il-benefiċċji dovuti lill-appellata tħallsux tajjeb *o meno.* L-Awtorita` Amerikana mhijiex parti f'din il-kawża. Il-kwistjoni hi dwar jekk l-ammonti li l-appellanti <u>effettivament</u> irċiviet mingħand is-*Social Security Administration* fl-Amerika fl-interess tal-konvenuta, intużawx għat-trobbija tal-attriċi u jekk sarux ħlasijiet direttament lilha wara li saret maġġorenni. F'dan il-kuntest, jekk l-appellanti kinitx qed tipperċepixxi l-ħlasijiet mill-Awtorita` Amerikana f'isimha proprju jew f'isem bintha hi materja ta' fatt.

26. Effettivament, dwar dan il-punt l-ewwel Qorti ma interpretat l-ebda liġi Amerikana. Hija tislet iżda dan il-<u>fatt</u> minn opinjoni legali u maħlufa minn avukat Amerikan (**Dok B**) <u>kif ukoll</u> minn <u>dikjarazzjoni li għamlet l-appellanti stess</u> mal-Awtorita` Amerikana biex tkun tista' tkompli tirċievi l-pagamenti f'isem bintha;

> *'Illi l-attrici pprezentat opinjoni legali redatta minn avukat Amerikan Christopher J. Bowes fejn spjega min huwa l-beneficjarju tac-child's benefits taħt is-Social Security Act skont il-ligi Amerikana. Huwa rrelata li "…it is clear that where a child's benefit is paid by the Social Security*

> *Administration to a parent as a representative payee for child, the parent must either spend the funds on the child's current maintenance needs or save the benefits in an interest bearing bank account that reflects that the funds belong to the child"*
>
> *"...*
>
> ***"Dan kollu ma giex kontradettat mill-konvenuta. Apparti din l-opinjoni, jirrizulta wkoll mill-istess dokumenti ezebiti mill-attrici senjatament Dok D li hija ffirmata mill-istess konvenuta li dak sostnut mill-attrici ghandu mill-veru.** Kwindi l-konvenuta kienet konsapevoli ta' dan. U allura aktar milli l-applikazzjoni tal-ligi Amerikana din il-Qorti in realta' se tkun qeghda tapplika l-ligi Maltija ghaliex huwa evidenti li l-konvenuta u precedentement anki l-missier kienu qeghdin jircievu l-flus ghall-istess Josephine Vella. Fuq l-istess dokument D hemm imnizzel **"Carmen Vella For Josephine Vella"**. Ukoll f'mistoqsija minnhom f'dan id-dokument "Were all Social Security benefits received during the past 15 months used for the beneficiary and/or held for the beneficiary?" F'mistoqsija ohra "Show the manner in which any amounts not used for the beneficiary are being held: bank account – Other." Il-konvenuta wiegbet li l-flus kienu qeghdin jintuzaw ghal beneficcjarja filwaqt li nfurmat lill-awtoritajiet li bintha kienet l-Amerika ghaliex kienet qeghdha tircievi l-edukazzjoni taghha hemmhekk.'* (Enfażi tal-Qorti)

27. L-appellanti fl-ebda waqt ma kkontestat il-parir legali ppreżentat mill-appellata u lanqas talbet lill-Qorti taħtar espert in materja. Fuq kollox, id-dikjarazzjoni **Dok D** ġiet iffirmata minnha stess. Fil-kuntest ta' dan kollu, id-'*diffikultajiet'* legali elenkati fir-rikors tal-appell huma kollha immaterjali. Bħala stat ta' fatt l-appellanti ddikjarat mal-Istat Amerikan li missier l-attriċi kien miet u bħala stat ta' fatt ukoll, id-Dipartiment tas-Sigurta` Soċjali baqa' jivversa l-pagamenti lilha **'*for Josephine Vella'*** sakemm l-attriċi appellata għalqet it-18-il sena. Mhux il-każ għalhekk li hemm xi dubju dwar l-eliġibilita` għal tali ħlasijiet. L-appellanti kienet qiegħda tirċievi flus għan-nom ta' bintha l-appellata.

28. L-ewwel aggravju hu miċħud.

<u>It-Tieni Aggravju.</u>

29. Permezz tat-tieni aggravju l-appellanti tallega li l-apprezzament tal-provi kien sommarju.

30. Fil-ġurisprudenza hu aċċettat li:

> *' ... biex jista' jingħad li s-sentenza tiddifetta fil-motivazzjoni tagħha irid jintwera fl-assjem li teżisti* ***defiċjenza objettiva*** *tal-kriterju li wassal lill-ġudikant għall-formazzjoni tal-konvinċiment tiegħu ...* ***ġudikant ma huwiex tenut li joqgħod jivvaluta singolarment ir-riżultanzi proċesswali kollha jew li jikkonfuta l-argomentazzjonijiet kollha tal-partijiet b' rikjam għal-liġi****. Hu suffiċjenti li wara li javvaluta l-argomenti ta' naħa u ta' oħra fil-kumpless tagħhom, jindika dawk l-elementi li fuqhom hu jkun qed jibbaża l-konvinċiment tiegħu. Impliċitament, għandu jkun bil-wisq loġiku, illi r-riljevi jew ċirkustanzi oħra li ma sabux posthom fis-sentenza kienu qed jitqiesu mill-ġudikant bħala inkompatibbli mad-deċiżjoni adottata.'*[8]

31. Is-sentenza appellata hija mirquma u fiha raġunijiet x'wasslu lill-Qorti għad-deċiżjoni. Da parti tagħha l-appellanti ma qalet xejn li jista' jikkonvinċi lil din il-Qorti li l-ewwel Qorti għamlet xi żball manifest fl-apprezzament tal-provi. Tippretendi biss li l-verżjoni tagħha hi iktar kredibbli minn dik tal-attriċi u z-zijiet paterni.

---

[8] ***Joseph u Lorenza konjugi Mercieca vs Melvin u Josephine konjugi Depasquale,*** Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), 24 Mejju 2006

32. Mis-sentenza appellata hu evidenti li l-ewwel Qorti tat <u>piż kbir</u> lill-verżjoni tal-appellanti u d-dokumenti minnha stess preżentati.

33. Din il-Qorti mhix se tidħol fil-kwistjonijiet strettament familjari bejn il-partijiet. Kif l-appellata spiċċat tgħix maz-zijiet paterni tagħha fl-Amerika mhux il-mertu ta' din il-kawża. Dak li huwa rilevanti fl-ambitu ta' dawn il-proċeduri huwa li missier l-appellata, Valentino Vella, kien għamel żmien jaħdem l-Amerika. Fl-1991 huwa weġġa' serjament u applika għall-benefiċċji soċjali fl-Amerika. *Inter alia*, ikkwalifika għall-benefiċċju mertu tal-vertenza odjerna.

34. Issir referenza għal **Dok X1** a fol. 31 eżebit mill-appellanti stess mal-eċċezzjonijiet tagħha. Din hija ittra datata 31 ta' Ġunju 1991 mill-*Office of Disability and International Operations* tas-*Social Security Administration* Amerikana li permezz tagħha r-raġel tal-appellanti, li huwa wkoll missier l-appellata, kien ġie infurmat li '***<u>the children</u>*** *are entitiled to monthly benefits from Social Security beginning April 1990.*'[9] <u>Huwa ċar għalhekk li l-benefiċċju in kwistjoni kien għat-tfal infushom</u>. Meta l-appellata mbagħad għalqet it-18-il sena, l-appellanti rċiviet ittra oħra[10] mill-istess *Social Security Administration* datata 3 ta' Frar 2000 fejn ġiet infurmata li '*we are writing to let you know* ***JOSEPHINE*** *no longer qualifies for Social Security benefits. The last payment* ***she*** *will receive*

[9] Enfażi tal-Qorti.
[10] Fol. 32.

*is the payment made about February 3, 2000. ....* ***JOSEPHINE VELLA*** *may be able to receive payments again if she attends an elementary or secondary level school full time during any month before age 19 ....'*[11]. Bla dubju għalhekk, li l-benefiċċju in kwistjoni kien dovut lill-appellata; kien qiegħed biss jitħallas lill-ġenituri tagħha għaliex kienet taħt l-eta' u għal ebda raġuni oħra.

35. Jirriżulta minn fol. 157 li fit-18 ta' Frar 2000 l-appellanti bagħtet tinforma lil Inez Portelli, li magħha kienet tgħix bintha l-appellata, bl-imsemmija ittra tat-3 ta' Frar 2000 tad-Dipartiment tas-*Social Security Administration* Amerikan. Dak iż-żmien, bintha l-appellata u Ineż Portelli kienu jgħixu l-Amerika. L-appellanti kitbitilha hekk:

> *'I'm writing a short note for you. Today I received these 2 pages from Baltimore dated 3 February 2000 and decided better to fax them to you. Reply at your convenience. Give our love to Josephine and tell her Happy Birthday ...'*

36. Inez Portelli xehdet[12] li peress li Josephine kienet tmur l-iskola, baqgħet intitolata għall-benefiċċji għal xi sitt xhur oħra wara li għalqet it-18-il sena. Tgħid li l-appellata kienet talbet lid-Dipartiment tas-*Social Security Administration* jibagħtu dawn il-pagamenti direttament lilha u hi ddepożitathom ġo bank il-Kanada.

[11] Enfażi tal-Qorti.
[12] Fol. 55.

37. Dwar il-flejjes li kienu rċevew il-ġenituri tal-appellata mid-Dipartiment tas-*Social Security Administration* Amerikan f'isimha sakemm hija saret maġġorenni, l-ewwel Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> *'Mill-atti jirrizulta li kuntrarjament ghal dak li xehdet l-attrici,* ***kien hemm diversi drabi fejn il-konvenuta baghtet flus lil bintha Josephine*** *u dan jixhduh diversi bank transfers li gew ezebiti, uhud minnhom jirrisalu ghal meta l-attrici kienet diga' ghalqet it-18-il sena w allura meta l-konvenuta ma kinitx ghadha tircievi l-flus ghan-nom ta' bintha. Fil-fehma tal-Qorti dan ukoll jevidenzja kemm l-istess konvenuta kienet konsapevoli li l-flus li kienet qeghda tircievi kienet qeghda tircevihom ghan-nom ta' bintha u fl-interess taghha ladarba ma kinitx qeghda trabbiha hija.* ***Illi l-Qorti hija wkoll konvinta moralment li l-konvenuta gieli baghtet flus kontanti lill-attrici anki jekk l-ammont mibghut ma jistax jigi kkwantifikat ghaliex provi ma ngabux bhal per ezempju li kien ingibed tant ammont mill-bank****. Naturalment ghadda hafna zmien. Din il-konvinzjoni hija naxxenti mill-fatt li rrizulta li x-xhieda ta' l-attrici kienet fis-sens li l-genituri bijologici taghha qatt ma tawha xejn* ***izda mbaghad irrizulta mod iehor*** *...*
>
> *"Illi mid-dokumenti ezebiti jirrizulta li matul iz-zmien intbaghat lill-attrici l-ammont ta' €15,843. Dan l-ammont jinkludi l-bank transfers li ntbaghtu anki dawk li intbaghtu wara li l-attrici ghalqet 18-il sena****. Il-Qorti qeghda tinkludi dawn l-ammonti billi hija konvinta li huwa minnu li l-attrici bdiet titlob il-flus lill-konvenuta u li min-naha taghha bdiet tibghat il-flus lil bintha biex tipprova tikkalma s-sitwazzjoni ... Oltre' dan temmen ukoll lill-konvenuta li l-kont bankarju li nghalaq gie effettivament zbankat u l-flus hadithom l-attrici***
>
> *"...*
>
> *"... fil-fehma tal-Qorti l-konvenuta ghandha tirrifondi lill-attrici dawk il-flus li hija rceviet fl-interess taghha u li hija ma baghtithilhix u dan billi l-istess attrici ma trabbitx fi hdan il-familja bijologika taghha w allura l-flus zgur li ma ntefqux ghat-trobbija taghha. Billi din il-Qorti temmen li l-konvenuta baghtet flus kontanti lill-attrici jew lil Inez Portelli (anki jekk dan huwa michud minnhom) kif ukoll anki xi deheb tqis li maghdud ma' l-ammont li rrizulta li ntbaghat cioe' l-ammont ta' €15,843 ghandu jizdied ammont iehor u dan sabiex ikun hemm bilanc fl-interess taz-zewg partijiet u ghalhekk din il-Qorti tqis li l-konvenuta baghtet l-ammont ta' €17,000.*
>
> *"Illi fin-nota taghha l-attrici specifikat li l-ammont li ghandu jigi rifuz huwa l-ammont ta' 31,770 dollaru Amerikan ekwivalenti ghal €27,756 billi*

*mis-somma globali l-konvenuta u zewgha kienu hallsu 3,147 dollaru Amerikan.*

*"Kwindi l-ammont li l-konvenuta ghandha tirrifondi huwa €10,756.'* (Enfażi tal-Qorti)"

38. F'dan il-kuntest din il-Qorti ma tistax tifhem l-aggravju tal-appellanti. Stabbilt li l-benefiċċju in kwistjoni kienet effettivament intitolata għalih l-appellata personalment, l-ewwel Qorti tat piż sostanzjali lix-xhieda tal-appellanti u emmnet il-verżjoni tagħha fuq dik tal-appellata. Din ta' l-aħħar xehdet li l-ġenituri bioloġiċi tagħha qatt ma taw flus lilha jew liż-żijiet tagħha Inez u Charlie Portelli għat-tobbija tagħha. Madanakollu l-ewwel Qorti rrikonoxxiet li mill-atti irriżulta mod ieħor u apparti li ħadet konjizzjoni tat-trasferimenti bankarji versati lill-appellata li tagħhom tressqet prova in atti, saħansitra irrotondat dik is-somma għal €17,000 għaliex ikkonkludiet li l-appellanti ġieli bagħtet flus kontanti u deheb lill-appellata.

39. Ikkonsidrat il-provi, din il-Qorti ma tara l-ebda żball fl-apprezzament tal-fatti li jista' jiġi imputat lill-ewwel Qorti kif allegat mill-appellanti.

40. Dan l-aggravju miċħud ukoll.

41. Il-Qorti tirrileva wkoll li waqt it-trattazzjoni d-difensur tal-appellanti semma wkoll li missier l-attriċi miet fis-sena 1998 u sa dak iż-żmien il-flus

tħallsu lilu. Id-difensur argumenta li semmai l-werrieta ta' Valent Vella kellhom iwieġbu. Pero` dan l-ilment ma jissemmiex bħala aggravju fir-rikors tal-appell. L-aggravji għandhom jissemmew fir-rikors tal-appell u mhux waqt it-trattazzjoni. Inoltre, fis-sentenza l-ewwel Qorti spjegat għalfejn ma tistax treġi l-eċċezzjoni numru erbgħa dwar il-ħlasijiet li saru bejn l-1991 sal-1998.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti, bl-ispejjeż kontra l-appellanti.**

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Anthony Ellul<br>Imhallef |

Deputat Registratur
rm